Dok 36

GOVERNMENT OF MALTA
OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER
MINISTRY FOR FOREIGN AFFAIRS
AND TOURISM
DIRECTORATE FOR CONSULAR SERVICES AND MALTESE LIVING ABROAD

MALTESE LIVING ABROAD

# Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2024

## Introduzzjoni

Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta huwa mwaqqaf skont l-Artiklu 3 tal-Att XX tal-2011. Il-15-il membru ta' dan il-Kunsill huma maħtura mill-Onor Prim Ministru, b'5 minnhom wara konsultazzjoni mal-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni. Il-President tal-Kunsill huwa ex-officio, l-Onor. Ministru għall-Affarijiet Barranin. Il-membri huma maħtura għal tliet snin, bil-possibbiltà li l-ħatra tagħhom tiġi mġedda għal tliet snin oħra.

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2024.

Matul din is-sena numru ta' membri tal-Kunsill temmew it-tieni terminu tagħhom bħala membri tal-Kunsill u għalhekk sar il-proċess biex posthom jittieħed minn membri ġodda. Kien hemm ukoll membru li temmet l-ewwel terminu tagħha u ġiet maħtura għat-tieni terminu.

Hekk il-Kunsill għas-sena 2024 kien iffurmat kif ġej:

**Iċ-Chairperson tal-Kunsill**
L-Onor. Dr Ian Borg, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

**Membri tal-Kunsill**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Brandon Azzopardi | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Id-Dott. Antonella Berry-Brincat | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is-S.ra Edwidge Borg | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is-Sur Emmanuel Camilleri | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is-S.ra Claudia Caruana | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Id-Dott. Loredana Gatt | |
| Is-Sur Luke Incorvaja | |
| Is-Sur Nadim Kanawati | *(sas-7 ta' April 2024)* |
| Is-S.ra Alexandra Micallef | |
| Is-S.ra Alison Micallef | |
| Is-Sur Denis Muniglia | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is- Is-Sa Mona Nicholas | *(sas-26 ta' Novembru 2024 - riżenja)* |
| Is-S.ra Marie-Louise Previtera | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is-Sur Mario M Sammut | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is-S.ra Susan Schembri | *(sal-21 ta' Settembru 2024)* |
| Is-Sa Judith Renata Buhagiar | *(mit-22 ta' Settembru 2024)* |
| Is-Sa Amie Rose Cardona | *(mit-22 ta' Settembru 2024)* |
| Is-Sa Miriam Friggieri | *(mit-22 ta' Settembru 2024)* |
| Id-Dott. Antoine Mangion | *(mit-22 ta' Settembru 2024)* |
| Is-Sa Sarah Meli | *(mit-22 ta' Settembru 2024)* |
| Id-Dott. Edgar Brincat | *(mit-22 ta' Settembru 2024)* |

1B

18, Zachary Street, Valletta, Malta
T +356 2204 0000 E foreignaffairs@gov.mt

foreign.gov.mt

Il-Comm. Major James Norbert Casha *(mit-22 ta' Settembru 2024)*
Is-Sa Giselle Sherri-Migliore *(mit-22 ta' Settembru 2024)*
Is-Sur Antoine Scicluna *(mit-22 ta' Settembru 2024)*
Il-Prof. Sandro Galea *(mit-22 ta' Settembru 2024)*

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri.

## 1. Laqgħat

L-Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011 jitlob li tal-inqas darba fis-sena għandha tiġi msejħa laqgħa tal-Kunsill li ssir f'Malta.

Il-laqgħa annwali saret bejn l-Erbgħa 30 ta' Ottubru u l-Ħamis 31 ta' Ottubru 2024, taħt it-tmexxija tal-Onor. Dr Ian Borg, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu fil-kapaċità tiegħu ta' Chairperson tal-Kunsill. Għaliha attendew il-maġġoranza tal-membri, li kienu ġejjin mill-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, u l-Unjoni Ewropea.

Għal din il-laqgħa ġew mistiedna biex jieħdu sehem fid-diskussjonijiet u jagħtu tagħrif dwar it-temi li jikkonċernawhom dawn il-kelliema:

Id-Dott. Margot Bajada – Legal Unit, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu
Id-Dott. Antoinette Cutajar – Desk tal- Maltin li jgħixu Barra, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu
Is-Sa Ramona Saliba Scerri – Direttur (Politika u Strateġija), Xjenza Malta
Is-Sur Kyle Galea – Eżekuttiv (Politika u Strateġija), Xjenza Malta
Is-Sa Tania Brown – Kap tal- Politika u Strateġija, Identità
Is-Sur Frank Zammit u s-Sur Geoffrey Ghigo – Rappreżentanti tal- Bank of Valletta
Id-Dott. Jessica Rita Galea – Kap, Unità taċ-ċittadinanza , Komunità Malta
Id-Dott. Maris Camilleri – Kap Eżekuttiv, Ċentru tal-Ilsien Malti
Id-Dott. Charles Daniel Saliba – Lettur, Malta College of Arts, Science & Technology (MCAST)
Id-Dott. Romina Delia – Eżekuttiv (Internazzjonalizzazzjoni), Kunsill Malti Għall-Arti
Is-Sa Maria Borg – Uffiċjal fi skala 7, Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu

## 2. Diskussjonijiet u Deċiżjonijiet

L-Aġenda tal-Laqgħa Annwali kienet tkopri diversi temi fosthom: Roadmap lejn l-adozzjoni ta' strateġija għall-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra; ir-reġistrazzjoni volontarja tad-dijaspora Maltija permezz tal-użu tal-Formoli D, O u V; il-proposta ta' Konsulat Ġenerali f'San Francisco; il-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta; inizjattivi u kollaborazzjonijiet ma' Xjenza Malta, iċ-Ċentru tal-Ilsien Malti u l-Kunsill Malti Għall-Arti; tiġdid tal-passaporti Maltin għal dawk li jgħixu barra minn Malta; servizzi bankarji tal-Bank of Valletta għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta; il-viżjoni tal-membri tal-Kunsill għall-futur;

il-proċess ta' ċittadinanza Maltija għal individwi mwielda barra minn Malta minn ċittadini Maltin; corporate branding; u linji gwida għat-twaqqif mill-ġdid u funzjonament tal-Kunsilli Reġjonali u l-emendi fl-Att XX tal-2011.

### 2.1 Roadmap lejn l-adozzjoni ta' strateġija għall-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra

Żewġ membri tal-Kunsill ippreżentaw roadmap strateġika li tiggwida lill-membri tal-Kunsill dwar kif huma se jikkollaboraw matul is-snin li ġejjin, bl-għan li trawwem komunikazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn ir-reġjuni u l-komunitajiet. Il-Kunsill approva li jimxi ma' din ir-roadmap. Sadanittant, il-Kunsill iddeċieda wkoll li l-membri, wara l-Laqgħa Annwali, ikollhom laqgħat virtwali sabiex jiddiskuti dati ta' skadenzi, rwoli tal-membri tal-Kunsill, kif ukoll gruppi ta' ħidma li ser jaħdmu fuq il-proposti mniżżla fir-Roadmap.

### 2.2 Ir-reġistrazzjoni volontarja tad-dijaspora Maltija permezz tal-użu tal-Formoli D, O u V

Il-Kunsill stieden lid-Dott. Antoinette Cutajar, li tieħu ħsieb id-Desk tal-Maltin li jgħixu Barra, sabiex tispjega dwar kif jaħdmu l-Formoli D, O, u V għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, u l-għanijiet tagħhom. Il-membri tal-Kunsill qablu li jippromwovu dawn il-formoli fi ħdan il-komunitajiet rispettivi tagħhom. Ġiet ikkjarifikata wkoll is-sistema tal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet tal-Formola O.

### 2.3 Il-proposta ta' Konsulat Ġenerali f'San Francisco

Membru mir-reġjun tal-Istati Uniti ressqet il-proposta dwar il-possibbiltà li jitwaqqaf Konsulat Ġenerali f'San Francisco. Id-Direttur, S.ra Chirelle Ellul Sciberras, infurmat lill-Kunsill li din hija deċiżjoni li trid tittieħed fuq livell politiku.

Sadanittant biex f'dan l-Istat id-dijaspora Maltija tkun moqdija aħjar f'materji li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza u l-passaporti, hemm pjanijiet sabiex jiżdiedu ż-żjarat tal-Consul-on-the-Move immirati lejn il-Kosta tal-Punent tal-Amerika, biex dawn jindirizzaw aħjar il-bżonnijiet tad-dijaspora Maltija fir-reġjun.

### 2.4 Il-proċess tal-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan għall-Maltin li jgħixu barra

Membri mir-reġjun tal-Kanada qajmu l-kwistjoni dwar il-possibilità li l-Maltin li jgħixu fi-Kanada u li jkunu kisbu l-liċenzja tas-sewqan f'Malta jingħataw ċertifikat ta' awtentiċità għax dan jgħin biex dawn il-Maltin ikunu jistgħu jiksbu l-liċenzja tas-sewqan fil-Kanada b'inqas spejjeż u żmien.

Transport Malta ġew ikkonsultati dwar din il-proposta. Dawn wieġbu li d-Driver & Vehicle Licensing Unit diġà toħroġ konfermi tal-liċenzja tas-sewqan b'talba għal pajjiżi li mhumiex fl-UE jew dawk li m'għandhomx aċċess għal RESPER, sabiex tissostanzja d-dokument tas-sewqan. L-entità (Transport Malta) indikat wkoll li lesta tiddiskuti mal-awtoritajiet Kanadiżi dwar l-istabbiliment ta' proċedura li tista' tissodisfa bl-aħjar mod ir-rekwiżiti tal-Kanada.



1B

### 2.5 Inizjattivi u kollaborazzjonijiet ma' Xjenza Malta, iċ-Ċentru tal-Ilsien Malti u Kunsill Malti Għall-Arti

Rappreżentanti minn Xjenza Malta, iċ-Ċentru għall-Ilsien Malti u l-Kunsill Malti Għall-Arti indirizzaw il-laqgħa.

Ir-rappreżentanta ta' Xjenza Malta sostniet li l-Pjan Strateġiku Nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni jagħmel enfasi fuq l-approċċ strateġiku għall-internazzjonalizzazzjoni. Għan ewlieni ta' Xjenza Malta huwa li tiżviluppa u tgħaqqad il-komunità tar-riċerkaturi Maltin madwar id-dinja. Bħalissa hemm 57 riċerkatur tad-dijaspora reġistrati iżda hemm ħtieġa li jkun hemm aktar. Għalhekk appellat biex il-membri tas-CMLA jgħinu biex aktar riċerkaturi jieħdu sehem f'dan il-proġett.

Għalkemm il-fondi li huma allokati lil Xjenza Malta jagħtu prijorità lir-riċerka f'dak li jseħħ f'Malta – madankollu, permezz ta' skema u b'kollaborazzjoni ma' *Horizon Europe*, riċerkaturi Maltin li jgħixu barra minn Malta għandhom il-possibbiltà li japplikaw biex jagħmlu riċerka f'Malta u jirċievu fondi.

Ir-rappreżentanta taċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, qalet li l-iskop taċ-Ċentru hu li tissaħħaħ il-lingwa Maltija fost il-Maltin u l-Maltin li jgħixu barra minn Malta, kif ukoll l-għarfien tal-ilsien Malti fost il-barranin.

Ġie mistoqsi x'kien sar mill-proġett ta' twaqqif ta' pjattaforma għat-tagħlim tal-ilsien Malti li kien qed iħejji l-Ministeru għall-Edukazzjoni bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea, li jista' jkun ta'għajnuna anke għat-tfal ta' Maltin li jgħixu barra minn Malta.

Il-Kunsill ippropona li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin jidħol f'taħditiet mal-Ministeru għall-Edukazzjoni sabiex jikkunsidraw il-possibbiltà li gruppi żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta jivvjaġġaw lejn Malta għal żjarat kulturali u edukattivi b'enfasi fuq it-tagħlim tal-ilsien Malti, kif ukoll il-possibilità li jkun hemm skont għad-dijaspora fejn ikun hemm korsijiet online bi ħlas.

Waqt il-laqgħa ma' rappreżentanta mill- Kunsill Malti Għall-Arti, ġiet diskussa wkoll il-possibilità ta' għajnuna finanzjarja li tappoġġja inizjattivi li jittieħdu barra l-pajjiż li jippromwovu b'mod pożittiv il-konnettività Maltija u t-tkabbir tal-komunità f'dawn il-pajjiżi, filwaqt li javvanzaw opportunitajiet biex jerġgħu jinvestu lura f'Malta permezz tat-turiżmu, investiment finanzjarju, riżorsi, u materjali oħra.

Ir-rappreżentanta tal-Kunsill Malti Għall-Arti wegħdet li ser tressaq dawn il-proposti quddiem l-Kunsill Malti Għall-Arti biex jiġu kkunsidrati.

### 2.6 Tiġdid tal-passaporti Maltin barra minn Malta

Il-Kunsill stieden lis-Sra Tania Brown, l-Kap tal- Politika u Strateġija fi ħdan Identità, sabiex issir diskussjoni dwar il-ħtieġa ta' proċess aktar simplifikat u li ma jiħux daqshekk żmien għat-tiġdid tal-passaporti Maltin barra minn Malta.



13

Saru suġġerimenti għal sistema online u formoli simplifikati, sabiex jassistu ċittadini Maltin li jgħixu barra mill-pajjiż. Il-Kunsill talab li jkun hemm informazzjoni disponibbli għall-pubbliku biex titħaffef il-ħidma tal-Ambaxxati u l-Konsulati f'dawn il-kwistjonijiet. Ippropona wkoll li jkun hemm formola ta' applikazzjoni għall-applikanti prospettivi fejn jipprovdu d-dettalji tagħhom, u sistema online li tipprovdilhom ir-rekwiżiti li jeħtieġu biex jinħareġ jew jiġġedded passaport. Dwar tiġdid ta' passaporti, ġie propost ukoll li jkun hemm iżjed kollaborazzjoni bejn id-dipartimenti f'Malta sabiex, fejn dokumenti ngħataw diġà lil xi wieħed minn dawn id-Dipartimenti u ċ-ċittadinanza tkun diġà kkonfermata, ma jerġax ikun hemm il-bżonn li l-istess verifiki jerġgħu jintalbu, u b'hekk jitħaffef il-proċess.

Sra Brown ikkonfermat li l-aġenzija Identità hija konxja minn din is-sitwazzjoni u li qed taħdem ma' Komunità Malta. Talbet li każijiet speċifiċi jintbagħtu lill-Identità biex tara jekk hemmx xi raġun komuni għaliex dan il-proċess ta' tiġdid tal-passaporti jibqa' tant diffiċli. Is-Sra Brown qalet li ħadet nota ta' dan u ser tara x'jista' jsir min-naħa tal-entità Identità.

### 2.7 Servizzi bankarji tal-Bank of Valletta għall-Maltin li jgħixu barra

Din il-kwistjoni tqajmet kemm-il darba, minn meta il-Bank of Valletta għalaq l-uffiċċji tiegħu li kellu fl-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti u sussegwentament l-għeluq tal-kontijiet bankarji ta' dawk il-klijenti li kellhom il-kontijiet permezz ta' dawn l-uffiċċji.

Ħafna klijenti Awstraljani li ġew affettwati mill-għeluq tal-kontijiet għadhom qed jesperjenzaw diffikultà biex jiksbu r-ritorn tal-fondi tagħhom. Sar ilment ukoll dwar l-ispejjeż involuti biex dokumentazzjoni meħtieġa mill-BOV tiġi vvalidata permezz ta' nutar. Ġie ssuġġerit li l-validazzjoni ta' dawn id-dokumenti jsir minn Imħallef tal-Paċi Awstralja (Justice of Peace) minflok nutar u b'hekk jiġu frankati l-ispejjeż.

Is-Sur Frank Zammit u s-Sur Geoffrey Ghigo, rappreżentanti tal-Bank of Valletta, li kienu mistiedna sabiex jitkellmu mal-Kunsill dwar il-proċeduri dwar dan, infurmaw lill-Kunsill li l-BOV kien konxju minn dawn il-problemi u għalhekk kien iddedika indirizz elettroniku (email address) speċifiku għall-klijenti ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi affettwati – l-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada – sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jressqu xi diffikultajiet bankarji li jkollhom mal-BOV. Sar qbil ukoll bejn ir-rappreżentanti tal-BOV u l-Kunsill li d-dokumenti mitluba mill-bank ikunu jistgħu jiġu validati minn Imħallef tal-Paċi, u mhux neċessarjament minn nutar biss.

### 2.8 Il-viżjoni tal-membri tal-Kunsill għall-futur

Il-membri ddiskutew l-erba' mistoqsijiet imqiegħda lilhom f'din it-tema;

- X'inhi l-viżjoni għas-CMLA?
- Kif qed nippjanaw li nwettqu din il-viżjoni?
- Kemm-il darba għandu jiltaqa' l-Kunsill?
- Il-kontribut tiegħek fis-CMLA kif se jsaħħaħ l-interessi tad-Dijaspora Maltija?

Mid-diskussjoni rriżulta li l-viżjoni ċentrali tas-CMLA tinkludi l-promozzjoni tal-lingwa Maltija, it-twaqqif ta' struttura organizzattiva, u l-kapaċità li sservi bħala ċentru li jgħaqqad il-komunitajiet tad-dijaspori Maltin. Is-CMLA għandha tkun rappreżentazzjoni għall-Maltin li

jgħixu barra minn Malta biex tgħinhom jgħaqqdu assoċjazzjonijiet u gruppi tad-dijaspora għal tixrid aħjar tal-informazzjoni. Barra minn hekk, is-CMLA għandha tkun kapaċi sservi bħala medjatur u faċilitatur bejn id-dijaspora Maltija li tgħix barra u l-istituzzjonijiet tal-Gvern.

Saret enfasi fuq il-ħtieġa li l-membri jaħdmu flimkien u li jistrieħu fuq xulxin għall-ideat u t-twettiq tal-pjanijiet. Biex dan ikun possibbli hija meħtieġa pjattaforma ta' komunikazzjoni affidabbli.

Il-membri insistew dwar l-importanza li jkun hemm aktar kollaborazzjoni bejn il-membri tas-CMLA, l-Ambaxxati u l-Konsulati kif ukoll sistema ta' kommunikazzjoni mad-dijaspora anke fi bliet/reġjuni aktar remoti. Sar qbil li l-membri tal-Kunsill għandhom rwol importanti f'din is-sistema u biex dawn jaqdu dan ir-rwol għandhom jitwaqqfu gruppi minn fost il-membri b'għanjiet speċifiċi.

### 2.9 Il-proċess ta' ċittadinanza Maltija għal individwi mwielda minn ċittadini Maltin

Membri tal-Kunsill sostnew li l-proċess tad-dokumentazzjoni biex tinkiseb iċ-Ċittadinanza Maltija għandu jiġi simplifikat.

Ladarba ċ-ċittadinanza tiġi konfermata, il-konjugi u t-tfal kollha għandhom jingħataw iċ-ċittadinanza wkoll. Issuġġerew ukoll li ċ-ċittadinanza tiġi ċċelebrata – permezz ta' ittra jew preżentazzjoni ta' ċertifikat li l-applikanti saru uffiċjalment ċittadini, kif ukoll pakkett li jiddeskrivi l-benefiċċji li dan jinvolvi, b'karta tal-identità Maltija wkoll.

Dott. Jessica Rita Galea, Kap, Unità taċ-ċittadinanza fi ħdan Komunità Malta, spjegat li ċertu dokumentazzjoni ma tistax tiġi mwarrba. Biss biex jiġi ċċarat il-kontenut tad-dokumentazzjoni, issa żdiedet aktar informazzjoni fosthom li l-ittra li tinħareġ dwar iċ-ċittadinanza tinżamm f'każ li dak li jkun ikun irid japplika għal passaport jew karta tal-identità fil-każ ta' residenti.

Dwar il-preżentazzjoni taċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza, il-Kunsill ġie infurmat li dan diġà beda jsir fl-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada.

### 2.10 Corporate branding

Il-Kunsill tkellem mas-Sra Maria Borg, uffiċjal li tieħu ħsieb kwistjonijiet relatati ma' corporate branding fi ħdan l-uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, li qalet li, is-CMLA diġà għandha l-logo tagħha.

Dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jagħmel użu minn pjattaformi tal-midja soċjali b'mod uffiċjali, is-Sa Borg qalet li din il-materja għandha tiġi diskussa fit-tul aktar 'il quddiem, hekk kif diġà hemm website għal dan l-iskop (https://malteselivingabroad.gov.mt/).

Sadanittant, sabiex id-dijaspora tkun tista' tikkuntattja lill-membri tal-Kunsill, ġie deċiż li, wara li jittieħed parir mis-sezzjoni legali tal-Ministeru, tingħata l-għażla lill-membri tal-



18

Kunsill dwar jekk iridux l-email uffiċjali tagħhom (tal-Gvern) jitpoġġa taħt il-bijografija ta' kull membru, li ser tiġi ppubblikata fil-website indikat hawn fuq.

### 2.11 Linji gwida għat-twaqqif mill-ġdid u funzjonament tal-Kunsilli Reġjonali

Il-Kunsill iddeċieda li wara li l-perjodu ta' prova temm b'suċċess, issa l-Kunsilli Reġjonali jistgħu jibdew jiġu stabbiliti fil-pajjiżi u l-istati kollha fejn hemm membri tal-Kunsill, skont l-iskeda tal-Att XX tal-2011. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom isiru emendi fil-Linji Gwida tal-Kunsilli Reġjonali li jikkonfermaw il-fatt li:

- Il-membri tal-CMLA maħtura permezz tal-Art 5.1 (b) tal-Att XX tal-2011 ikunu ex-officio membri tal-Kunsill Reġjonali ta' fejn ikollhom ir-residenza tagħhom;
- Li l-membri kollha tas-CMLA għandhom dritt li jinnominaw persuni għall-ħatra ta' membri tal-pajjiż, stat jew reġjun fejn joqgħodu; u
- Li l-Kunsilli Reġjonali jkunu magħmula minn 3 sa 7 membri flimkien mal-membru/membri tal-Kunsill li jgħix fil-pajjiż, stat jew reġjun involut.

## 3. Ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011

Fir-rigward tar-reviżjoni tal-Att XX tal-2011, din waslet fl-aħħar fażijiet biex tiġi implimentata. L-abbozz jinkludi numru ta' bidliet li jikkonċernaw l-formazzjoni tal-Kunsill, in-numru ta' membri fuq il-Kunsill, ix-xogħol tal-Kunsilli Reġjonali u l-irwoli tal-membri tal-Kunsill. L-Att emendat għandu jirrifletti r-realtajiet tad-dijaspora Maltija kif inhi illum il-ġurnata. Hekk kif numru ta' membri bdew l-ewwel terminu tagħhom din is-sena, ingħatat spjegazzjoni fil-fond waqt il-Laqgħa Annwali tal-Kunsill mid-Dott. Margot Bajada dwar l-emendi li se jsiru fl-Att XX tal-2011.

## 4. Ix-Xogħol tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u Maltin Jgħixu Barra

### 4.1 Il-Proġett tal-Libreriji Maltin Barra minn Malta

Fi sforz sabiex jiġi promoss l-ilsien Malti u l-litteriżmu barra minn xtutna, id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u Maltin Jgħixu Barra, f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru tal-Ilsien Malti, nieda inizjattiva fejn se jiġu mqassma numru ta' kotba miktuba bil-lingwa Maltija u kotba bl-Ingliż dwar Malta f'ambaxxati/konsolati fejn tinstab dijaspora estensiva ta' individwi b'dixxendenza Maltija, bl-għan li jitwaqqfu libreriji bil-lingwa Maltija. Dawn il-pajjiżi huma l-Awstralja, il-Kanada, l-Ingilterra, l-Istati Uniti, l-Italja, u l-Belġju. Il-kotba ġew mogħtija mingħajr ħlas minn numru ta' entitajiet u individwi li wrew interess fil-proġett, u t-total tal-kotba mqassma huwa ta' 858 ktieb. Il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra ġie mħeġġeġ biex jippromovi dan il-proġett li qed jiġi mwettaq minn dan id-Direttorat mad-dijaspora Maltija fil-pajjiżi li jgħixu fihom u dawk madwar id-dinja kollha biex jkomplu jissaħħu, jiġu ffaċilitati u kkultivati r-rabtiet bejn il-komunitajiet Maltin barranin u Malta, il-lingwa tagħha u kull aspett tal-kultura Maltija.

### 4.2 Sessjoni ta' informazzjoni konġunta ma' Xjenza Malta

Fl-10 ta' April 2024, saret sessjoni ta' informazzjoni konġunta ma' Xjenza Malta, immirata lejn riċerkaturi reġistrati mad-Direttorat permezz tal-Formola V. Din is-sessjoni segwiet kollaborazzjoni li tnediet fl-aħħar tas-sena 2023 ma' Xjenza Malta, wara ħidma sabiex il-



13

Formola V tespandi biex tinkludi riċerkaturi. Tnediet kampanja li tippromwovi l-formola permezz tal-missjonijiet diplomatiċi, bil-għan li jiġu rreġistrati riċerkaturi Maltin li jgħixu barra minn Malta. Id-data miġbura mid-Direttorat tintuża għall-skambju ta' informazzjoni li jiffaċilita kollaborazzjonijiet potenzjali bejn riċerkaturi u Xjenza Malta. Il-Kunsill ġie mitlub biex jippromovi din l-inizjattiva fil-komunitajiet u lokalitajiet tagħhom

### 4.3 Iċ-Ċerimonji tal-Għoti taċ-Ċertifikati taċ-Ċittadinanza Maltija

Matul is-sena 2024, tkomplew il-preparamenti għall-organizzazzjoni ta' Ċerimonji tal-Għoti ta' Ċertifikati taċ-Ċittadinanza fl-okkażjoni ta' ċittadini ġodda Maltin li jkunu kisbu ċ-ċittadinanza tagħhom barra minn Malta. Dan il-proġett kien ħareġ minn proposta li saret mill-Kunsilli tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fil-laqgħa virtwali li saret f'Novembru 2021. Dawn iċ-ċerimonji jittellgħu fl-Ambaxxati/Konsulati Maltin barra minn Malta u anke f'postijiet oħra fejn isiru ż-żjarat tal-COTM ('Consul-on-the-Move'), speċifikament f'pajjiżi b'konċentrazzjoni kbira ta' dixxendenti Maltin. Dawn huma l-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada. Matul l-2024, iċ-Ċerimonji tal-Għoti ta' Ċertifikati taċ-Ċittadinanza saru fl-Awstralja f'Sydney, f'Melbourne u f'Canberra, u fl-Amerika f'Michigan. Ingħataw ukoll numru ta' kotba, li ġew imqassma mid-Direttorat tas-Servizzi Konsulari u Maltin li Jgħixu Barra, bħala simbolu ta' apprezzament lill-parteċipanti, flimkien maċ-ċertifikati taċ-ċittadinanza.

## 5. Ħidma tal-Membri tas-CMLA u l-Kumitati Reġjonali

Is-sena 2024 timmarka l-għeluq tat-12-il sena minn meta nħatar l-ewwel Kunsill għall-Maltin li Jgħixu minn Barra.

Kemm il-membri li temmew il-ħatra tagħhom u dawk li ġew maħtura għall-ewwel darba kkontribwew bil-ħidma tagħhom biex iwasslu l-messaġġ tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta lid-dijaspora Maltija. Dan għamluh permezz tal-midja soċjali, laqgħat attwali u virtwali, ir-radju u kitbiet fid-diversi newsletters tal-komunità Maltija.

Sadanittant il-membri kemm fuq bażi individwali kif ukoll bħala gruppi kienu ħolqa bejn id-dijaspora u l-Ministeru tal- Affarjiet Barranin u t-Turiżmu biex iwasslu talbiet, anke individwali, għall-għajnuna, suġġerimenti, eċċ. – b'uħud minn dawn jiġu saħansitra mtella' bħala temi ta' diskussjoni waqt il-laqgħa annwali tal-Kunsill.

Matul is-sena, il-membri tal-Kunsill kellhom laqgħat virtwali bejniethom, biex fost kollox jissuġġerixxu temi għall-aġenda tal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill, kif ukoll biex jiddiskutu diversi temi u attivitajiet li jinteressaw il-komunitajiet Maltin li jgħixu fil-lokalitajiet tagħhom. Matul is-sena, il-membri tal-Kunsill għamlu kuntatt kontinwu mas-Segretarju tal-Kunsill u ressqu l-proposti tagħhom kif ukoll xi talbiet għall-għajnuna li rċevew mingħand xi individwi jew għaqdiet.

Wara l-aħħar laqgħa annwali, saret laqgħa virtwali bejn il-membri tal-Kunsill fejn bdiet il-ħidma fuq il-formulazzjoni tar-roadmap. F'ħafna każi l-membri kellhom laqgħat mal-Ambaxxaturi/Kummissarji Għolja ta' Malta għall-pajjiżi fejn huma residenti u filwaqt li ħadmu id f'id magħhom anke taw l-għajnuna tagħhom fejn meħtieġ.

Saru wkoll xi ħidmiet kemm individwali u kemm bħala gruppi minn diversi membri tal-Kunsill, fosthom:

- għajnuna fi ħtiġijiet ta' Maltin fejn jidħol il-kisba jew it-tiġdid tal-passaport, kwistjonijiet bankarji, ċittadinanza, proprjetà, eċċ.
- kompliet il-ħidma minn waħda mill-membri biex jixtered it-tagħlim tal-ilsien Malti billi ħadet ħsieb tikkordina diversi klassijiet tal-Malti mxerrda mal-Awstralja. It-tagħlim tal-Malti jsir kemm għal adulti kif ukoll Maltin tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni.
- ħidma mill-membri tas-CMLA, fosthom ukoll fil-Kanada, biex jissaħħaħ it-tagħlim tal-ilsien Malti, il-kultura u wirt artna.
- Iż-żewġ membri ta-Kunsill fil-Kanada kellhom sehem attiv fiż-żjara taż-żewġ artisti Maltin Andrew Pace u Andrew Alamango, li jieħdu ħsieb il-pjattaforma Magna Żmien Malta fil-Kanada. Il-proġett Magna Żmien qed jipproponi biex b'kollaborazzjoni mal-Maltese-Canadian Museum ta' Toronto, issir inizjattiva biex jiġu ppreservati memorji tad-dijaspora Maltija fil-Kanada. Dan billi jiġu diġitalizzati memorji awdjo-viżivi ta' Maltin li emigraw lejn dan il-pajjiż.
- Biex ikun hemm kollaborazzjoni bejn entitajiet Maltin u dak f'Wales f'diversi oqsma ta' riċerka u innovazzjoni.
- Fil-Kanada waħda mil-membri, flimkien mal-*Maltese Canadian Business Network Association* (MCBNA), kellha diskussjoni ma' rappreżentanta tal-Malta Chamber of Commerce dwar opportunitajiet ta' kummerċ bejn Malta u l-Kanada u l-possibilità li titwaqqaf Maltese Chamber of Commerce in Canada.

Membru tal-Kunsill, li għadha kif temmet it-terminu tagħha bħala membru f'Settembru 2024, ġiet irrikonoxxuta għall-ħidma tagħha fost l-emigranti Maltin fl-Awstralja billi ngħatat l-Order of Australia Award (OAM).

Fl-istati u r-reġjuni fejn ġew imwaqqfa l-Kunsilli Reġjonali, il-membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, li huma inkarigati minn dawn il-kunsilli, żammu għadd ta' laqgħat li, fost kollox, servew biex il-membri tal-Kunsilli Reġjonali jkunu jistgħu jressqu l-proposti tagħhom għall-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali, jagħtu tagħrif dwar il-komunitajiet Maltin tal-lokal tagħhom u jressqu l-ħtiġijiet tal-istess komunitajiet.

Xi membri tal-Kunsilli Reġjonali marru lil hinn minn dan – pereżempju, f'Wales ġew organizzati diversi laqgħat u taħditiet li kienu miftuħa wkoll għal dawk il-Maltin tat-tieni, it-tielet u r-raba' ġenerazzjoni, li għalkemm forsi mhumiex ċittadini Maltin, xorta għandhom ċertu rabta ma' Malta. Fl-istess pajjiż, il-membru tal-Kunsill Reġjonali ta s-sehem tiegħu biex rappreżentati ta' Malta Enterprise u tat-Taqsima tal-Edukazzjoni jkollhom laqgħat ma' universitajiet u kulleġġi f'Wales fejn ġew diskussi t-tibdil ta' studenti (*student exchanges*), turiżmu skolastiku, u kooperazzjoni fuq proġetti bejn xi universitajiet minn Wales u l-Malta Further Education and Higher Institutions. L-istess membru ħa ħsieb diversi delegazzjonijiet Maltin li permezz tal-organizzazzjoni *The Wales Malta Initiatives* żaru Wales fuq diversi inizjattivi ta' kollaborazzjoni bejn entitajiet Maltin u dak f'Wales f'diversi oqsma ta' riċerka u innovazzjoni.

Sadanittant is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur responsabbli mid-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u Maltin li Jgħixu Barra kienu f'komunikazzjoni kontinwa bejniethom, biex tiġi kkoordinata l-ħidma li kienet meħtieġa fl-interess tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta, fosthom bl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-Laqgħa Annwali tal-Kunsill.

## 6. Konklużjoni

Hekk kif l-Att Nru XXIV tal-2024 – abbozz li jemenda l-Att dwar il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Att XX tal-2011), ser jiġi fis-seħħ matul l-2025, qed jitħejjew il-pjanijiet sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati t-tibdiliet li ser jiddaħħlu permezz tal-emendi b'mod effiċjenti u effettiv.

Dawn l-emendi se jkunu qegħdin jiżguraw li jkun hemm numru akbar ta' membri fil-Kunsill, sabiex dan ikollu rappreżentanza ġusta u effettiva, u li tirrifletti aħjar id-distribuzzjoni ġeografika tal-komunitajiet tad-dijaspora Maltija kontemporanja.

Addizzjonalment, l-emendi se jkunu qed jaġġornaw u jżidu l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kunsill biex jirriflettu l-interessi u l-ħtiġijiet tad-dijaspora Maltija tal-lum, li m'għadhomx għalkollox bħal dawk ta' meta twaqqaf il-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra min Malta fl-2011.